BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

3 ta' Frar, 2009

**Minuti tal-kontinwazzjoni tal-laqgha numru 23(05)**

Il- Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal kontinwazzjoni tal-laqgha numru 23(05) fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar it-Tnejn 26 ta' Jannar, 2009, fi 6:45 ta' filghaxija.

**Preżenti**

Is-Sur John Boxall - Sindku, is-Sur Christopher Cassar – Viċi Sindku , s-Sinjura Miriam Grech – Kunsilliera u s-Sinjura Judith Saliba – Kunsilliera

Is-Sur Ivan Peresso – Kunsillier kien skuzat.

.

**Talba**

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u tah bidu għal-laqgħa.

**1. Korrispondenza**



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

1.1 Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera li l-istess Kunsill kien zbaljat fin-nominazzjoni tas-Sur Lino Bugeja ghal premju Nazzareno Vassallo fi hdan l-CareMalta, dan ghal fatt li l-Kunsill gie mitlub jinnomina persuna li hadmet jew tahdem ghal gid u l-kura ta' l-anzjani. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill jinnomina lis-sinjorina Giovanna Dalmas. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.2 Is-Sindku pprezenta ittra minghand is-sur Glenn Bedingfield, Membru tal-Parlament Ewropew, fejn wera l-interess tieghu sabiex itella' konferenza pubblika dwar l-edukazzjoni, liema konferenza hija mistenniha li ssir nhar il-Gimgha 20 ta' Marzu, 2009, gewwa Caraffa Stores. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jippartecipa ghal din il-konferenza. Barra min hekk is-Sindku zied jghid li nhar is-Sibt 31 ta' Jannar, 2009, ser issir laqgha dwar din il-konferenza gewwa l-Kunsill Lokali ta' l-Isla u ssugerixxa sabiex ghal din il-laqgha jattendi mieghu l-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar peress li barra li huwa responsabli mis-settur Edukattiv, jista' jkun li f'dawk il-granet huwa jkollu xi konferenza barra mil-pajjiz. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.3 Is-Sindku, s-sur John Boxall, nforma lil Kunsillieri prezenti, li l-Kunsill Lokali tal-Birgu kien rcieva risposta minghand is-Sur Benoit Stievenart, ko-ordinattur tal-finanzi tal-Progett Qualicities dwar il-kjarifikazzjoni mitluba mil-istess Kunsill dwar l-ammont ta' €13, 516.04 li l-Kunsill ircieva ghal ispejjez tal-partecipazzjoni tieghu fil-progett Qualicities. Is-Sindku stqar li skont is-sur Benoit Stievenart l-ammont mibghut huwa korrett u dan ghal fatt li l-ammont approvat ghal Kunsill Lokali tal-Birgu kien €20,034.72, biss l-ko-finanzjament mil-Unjoni Ewropea kien ta' 75%, dak jfisser li l-Kunsill huwa dovut l-ammont ta' € 15,026.04, barra min hekk, min dan l-ammont kellhu jitnaqqas €1510 dovut lil Kunsill ta' Anderlecht u ghaldaqstant jirrizulta l-ammont ta' €13,516.04. Is-Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva ticcekja jekk qatt issemmix li f'dan il-progett kien hemm ko-finanzjament ta' 25% min-naha tal-Kunsill.

1.4 Ittra minghand is-sur Martin Morana, Events Manager fi hdan l-Awtoriata Maltija ghat-Turizmu, fejn nforma lil Kunsill dwar l-attivita li din l-awtorita ser torganizza bejn t-30

t'April u l-1 ta' Mejju, l-festival tal-loghob tan-nar. Is-Sindku qal li wara laqgha li kellhu mas-sur Morana u s-sur Stellini, gie nfurmat li l-Festival tal-loghob tan-nar ser issir bejn Sant'Anglu u Bighi u jekk irid il-Kunsill jista' jtella' attivita madwar il-Belt tieghu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jippartecipa f'din l-attivita li ser titella' fuq skala nazzjonali. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.5 Is-Sindku pprezenta Memo 5/2009 mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar skema dwar inizjattivi sportivi fil-komunitajiet lokali. Is-Sindku talab sabiex tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

1.6 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-hanut D-Centre ser jinstalla tlett CCTv cameras li ser jissolverjaw, Triq il-Lbic u Triq il-Mina l-Kbira. Sid il-hanut talab biss sabiex il-Kunsill jissupplixxi tabella li z-zona hija sorveljata minn CCtv camera. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.7 Is-Sur John Boxall ssugerixxa sabiex il-Kunsill jgib is-servizz ta' green wardens liema servizz jinghata mis-6 :30 ta' filghodu sa 7 ta' filghaxija sabiex jissolverjaw certu toroq fil-lokalita. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.8 Dwar il-korrispondenza mibghuta mims-sur Silvio Scerri, direttur tal-Kumpanija Nexos Street Lighting, li giet diskussa fil-laqgha precedenti, is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li Dr. Neville Camilleri, l-avukat tal-Kunsill bghat ittra lis-sur Silvio Scerri li jekk dak miktub fl-ittra tieghu ma jigix rtiratt fi zmien 5 t'ijiem, il-Kunsill ma jkollux triq ohra hlief li jiftah kaz ta' libel. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## <u>3. Rendikont ta' l-inawgurazzjoni tal-bust f'Gieh Nestu Laiviera.</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta rendikont ta' l-inawgurazzjoni tal-bust f'gieh Nestu Laiviera, ghal approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal li n-nefqa ghal din l-attivita kienet

ta' € 3650.25, liema nefqa tinkludi l-bust u l-pedestal, kif ukoll ir-riceviment ta' l-okkazzjoni u affarijiet ohra relatati ma' din l-attivita.

**6. <u>Il-progett tal-Gnien Fuq tal-Hawli</u>**

Is- Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti, li l-Perit Anton Camilleri, Direttur fi hdan id-dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar, sejjah laqgha urgenti dwar il-progett tal-Gnien Fuq tal-Hawli, ghal liema laqgha kien hemm prezenti, l-Perit Simon Peter Darmanin min-naha tad-Dipartiment, l-Perit Duncan Mifsud u l-Perit Mark John Scicluna, is-Sindku u s-Segretarja Ezekuttiva tal-Kunsill, fejn fost l-ohrajn ssemma l-fatt li ghadd qed nistennew l-approvazzjoni tal-MEPA ghat-tibdiliet li saru fuq l-progett tal-Gnien tal-Hawli, biex jakkomoda l-parkegg. Is-Sindku zied jghid li x-xoghol huwa ghaddej, tant, li l-gibjun issa huwa lest.

**7. <u>Jum il-Birgu, 2009</u>**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal li sal-llum il-Kunsill kien ircieva tlett suggerimenti min socjetajiet differenti, biss fakkar lil Kunsilliera li l-Kunsill kien talab lis-socjetajiet jibghatu s-sottomissjonijiet u l-opinjoni taghhom sal- 31 ta' Jannar, 2009. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex l-attivita ta' Jum il-Birgu, 2009, tigi diskussa fil-laqgha li jmiss, wara li tkun ghalqet id-data ta' l-gheluq ghas-sottomissjonijiet. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**<u>8.</u> <u>Presentazzjoni tal-budget 2008/2009.</u>**

Is-Sindku, s-sur John Boxall, pprezenta kopja tal-budget ghas-sena 2008/2009, lil kunsilliera prezenti. Is-Segretarja Ezekuttiva tat spjegazzjoni dwar kull suggett u l-kalkolazzjoni ta' dan il-budget. Wara diskussjoni, il-Budget gie mressaq ghall-approvazzjoni mis-Sindku fejn gie ssekondat mil-Kunsilliera Judith Saliba u approvat unanimament.

**12. Decizjoni dwar it-tender ghat-tindif u manutenzjoni ta' gonna pubblici fil-Birgu**

Is-Sindku talab sabiex dan is-suggett jigi diskuss fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss. Sadanitant ghandha issir laqgha mal-konsorsju li applika sabiex jigu ccarati certu items kif stipulat fit-tender kif ukoll isservi verifika fuq il-prezz kwotat.

**15. Il-progett tal-Pjazza**

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera prezneti li fl-ewwel tas-sena rcieva telefonata mill-Ministru ghar- Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, l-Onorevoli George Pullicino, fejn nfurmah li din is-sena ser jinghata bidu ghal progett tat-Torri ta' l-Arlogg kif ukoll il-progett tat-tisbih ta' l-area tal-Collachio. Barra min hekk, is-Sindku qal li kein nfurmat mil-Perit Herman Bonaci, li fil-gazetta tal-Gvern ta' nhar il-Gimgha 23 ta' Jannar, 2009, hareg l-avviz ghas-sejha ghat-tender ghar-rikostruzzjoni tal-Mina l-Kbira, kif ukoll ghar-restawr tas-swar li jdawwru l-Belt tal-Birgu.

Il-laqgħa ntemmet fi 8:00 ta' filgħaxija.

______________________________ ______________________________

Christine Bonello ikkonfermati John Boxall

Segretarja Ezekuttiva Sindku